# Fil-Qorti tal-Magistrati (Malta)
# bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

# Magistrat Dr.Noel Cuschieri LLD Mag.Jur. (Euro. Law)

***Kump.805/2000***

***Pulizija***
***Sp. Angelo Caruana***
***vs***
***Martin Tabone***

Illum 20 ta' Lulju 2001

Il-Qorti,

Wara li rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra ***Martin Tabone*** ta' 47 sena bin Paul u l-mejta Margaret nee' Bartolo, mwieled Floriana fil-8 ta' Settembru 1953 u joqghod 'Angelo House', Antonio Sciortino Street, Msida B'kara, detentur tal-karta ta' l-identita numru: 685653M akkuzat talli:

a) fit-28 ta' Awissu 2000, bil-hsieb li jiksbu ghalihom jew ghal haddiehor il-hlas ta' flus ta' sigurta kontra r-riskji, jew xi qligh iehor mhux misthoqq, iddistrugew, xerrdu 'l hawn u 'l hemm jew gharrqu b'xi mezz li jkun, u cioe' ghamlu claim lis-socjeta Citadel Insurance Plc dwar hruq ta' speedboat u l-mutur outboard liema hruq sehh fil-lejl ta' bejn is-26 u 27 ta' Awissu 2000 ghall-habta tat-3.00 ta' filghodu, liema hruq sar waqt li d-dghajsa kienet marbuta fuq il-baga fejn il-pont ta' Manoel Island il-Gzira u dan bi ksur ta' l-Artikolu 295 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

b) talli f'dawn il-Gzejjer fit-28 ta' Awissu 2000, bil-hsieb li jaghmlu delitt, urew dan il-hsieb b'atti esterni u taw bidu ghall-esekuzzjoni ta' dan id-delitt billi b'mezzi kontra l-ligi ghamlu uzu ta' ismijiet foloz jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqdew b'qerq iehor, ingann, jew billi urew haga b'ohra sabiex iggieghlu titwemmen l-esistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila,

setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex qanqlu tama jew biza dwar xi grajja kimerika ippruvaw jaghmlu qliegh ta' madwar LM 4,000 billi ghamlu claim mas-Socjeta' Citadel Insurance Plc dwar hsarat fuq lis-speedboat u l-mutur outboard u dan ghad-dannu tal-istess socjeta u persuni ohra, bi ksur ta' l-Artikolu 41 (1), 308, 309, u 310 (1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

c) talli f'Tas-Sliema nhar is-27 ta' Awissu 2000 iddenunzjaw lill-Pulizija Esekuttiva reat li jafu li ma sarx, inkella bil-qerq holqu t-tracci ta' reat b'mod li jistghu jinbdew proceduri kriminali sabiex jizguraw li dak ir-reat kien sar u dan bi ksur ta' l-Artikolu 110 (2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

d) talli fil-Gzira fil-lejl ta' bejn 26 u 27 ta' Awissu 2000 volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, u cioe' haraq lis-speedboat u l-mutur outboard liema hsara komplessivament tammonta ghal aktar minn hames mitt lira Maltin (LM 500) ghad-detriment ta' Joseph Muscat u dan bi ksur tal-Artikolu 325 (b) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

e) Talli sar recidiv bi ksur tal-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, b'sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) datati 5 ta' Settembru, 1995 u 5 ta' Frar 1998 liema sentenzi saru definitivi u ma tistax tigi mibdula.

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet il-provi bil-gurament;

Ikkunsidrat:

***<u>Akkuzi</u>***

Illi l-akkuzi dedotti kontra l-imputat Martin Tabone huma bazati fuq ir-reati ta' **Frodi dwar Sigurta'**; **Tentattiv ta' Truffa u Frodi** Semplici; **Holqien**

**qarrieqi ta' reat** u **Hsara Volontarja,** kif ukoll talli huwa **recidiv** – *riferibbilment ghall-perijodu li jestendi mis-26 sat-28 ta' Awissu 2000.*

***<u>Kwadru tal-Fatti</u>***

Illi fis-26 ta' Awissu 2000 ghal habta tal-5.00 am il-pulizija kienet giet informata li fix-Xatt tal-Gzira kien hemm speedboat mahkuma minn nar. Il-pulizija eccediet fuq il-post, u wara li l-membri tal-Protezzjoni Civili irnexxielhom jitfu n-nar, irrizulta li d-dghajsa kienet sofriet hsara estensiva.

Illi minn indagini preliminari li kienet ghamlet il-pulizija, irrizulta li l-ispeedboat kienet proprjeta' ta' Joseph Muscat, u li din kienet inxjurjata ma' kumpanija ta' assikurazzjoni.

Illi skond l-espert tekniku, l-ispeedboat kient tiswa mal-LM2,500, filwaqt li kienet assikurata ghal somma superjuri.

Illi fl-istqarrija rilaxxjata mill-imputat Martin Tabone dana ammetta li l-ispeedboat kien haraqha hu, bi ftehim mal-imsemmi Joseph Muscat, sabiex dana jkun jista' jdahhal somma minghand l-kumpanija tal-assikurazzjoni.

L-imputat spjega ulterjorment li huwa kien habib hafna ta' Joseph Muscat li minn naha tieghu kellu problemi familjari li kienu jinvolvu t-tifla tieghu ta' erba snin. Gurnata minnhom meta Muscat kien qieghed juza d-dghajsa din zviluppat hsara li Muscat stmaha fis-somma ta' LM700. Peress li din is-somma kienet sostanjzali ghal Muscat, u kienet ser tikrealu problemi mal-habiba tieghu u t-tifla taghhom, dana issugerixxa lill-Martin Tabone sabiex jaharqu l-ispeedboat u Muscat ikun jista' jinkassa is-somma inxjurjata. L-imputat accetta, <u>u skond hu bl-uniku skop li jghamel pjacir lill habib tieghu.</u>

Konsegwentement fil-lejl ta' bejn il-25 u 26 ta' Awissu dana haraq id-dghajsa li dak il-hin kienet ankrata fejn Manoel Island, billi xerred petrol fuqha u ta in-

nar.  Sussegwentement sar rapport anonimu lill-pulizija li fix-xatt tal-Gzira kien hemm speedboat qeda taqbad.  Saret ukoll inkjesta magisterjali.

Illi sussegwentement Joseph Muscat kien informa lill-imputat li l-claim mal-kumpanija assikuratrici kien ghamilha.

Illi sussegwentement u rizultat ta' investigazzjoni tal-pulizija irrizulta li l-hsara fuq l-ispeedboat kienet saret mill-imputat, bi ftehim ma' sidha Joseph Muscat, bl-iskop lukrtattiv fuq indikat.

***Konsiderazzjonijiet tal-Qorti***

Illi dawn il-fatti gew ammessi mill-imputat, u ghalhekk jinsabu sodisfacentement provati skond il-ligi.

Illi mill-kwadru premess jikkonfiguraw ir-reati kollha fuq indikati salv ir-reat ta' **Hsara Volontarja**.  Il-Qorti tirrileva li r-*ratio legis* ta' dan ir-reat huwa sabiex tigi protetta adegwatament il-proprjeta' ta' terzi minn attivita' kriminuza.  Ghaldaqstant dan ir-reat ma jistax jikkonfigura jekk il-hsara volontarja tkun saret minn sid il-proprjeta' jew minn xi hadd inkarigat minnu jew miftiehem mieghu, bhal fil-kaz prezenti.  Il-Qorti tosserva li sabiex jimmatura dan ir-reat is-sid ma jridx ikun hemm il-kunsens, implicitu jew esplicitu, tas-sid.

Illi a bazi ta' din il-premessa guridika l-imputat ma jistax jinstab hati li kkaguna hsara volontarja ghad-detriment ta' Joseph Muscat, meta kien l-istess Joseph Muscat li kien hajjru sabiex jghamel din l-attivita'

***Piena***

Illi in propositu ghall-piena il-Qorti hadet in konsiderazzjoni s-segwenti fatturi.

Illi l-imputat ghandu jibbenefika mill-ammissjoni fi stadju inizjali tal-process.

Illi mill-provi rrizulta li l-imputat huwa reicidiv f' reat konness mal-abbuz tad-droga bil-konsum, u mix-xhieda ta' social worker jidher li dana qed jghamel sforz sabiex jbiddel hajtu.

Illi ma rrizultax li dana kien ser jghamel xi gwadann finanzjarju mir-reati kommessi minnu, u di piu' l-idea kriminuza ma originatx minnu.

In vista tal-premess il-Qorti thoss li piena karcerarja hija kontro indikata, u l-Qorti hija tal-fehma li ghandha tapplika d-dispost tal-Artikolu 21 tal-Kap 9 sabiex tinzel that il-minimu.

Illi minn naha l-ohra, il-Qorti ma tistax tinjora l-gravita' tar-reati kommessi, partikolarment dak ta' **Holqien qarrieqi ta' Reat** li huwa reat li:

**1.** Jghamel hsara lill-amministrazzjoni tal-gustizzja billi jtendi li jisgwidaha;

**2.** Johloq ir-riskju li persuni suspettati jigu arrestati waqt l-investigazzjonijiet tal-pulizija, liema persuni jkunu ghal kollox innocenti minn dak ir-reat;

**3.** Jinkorri l-istat, u allura s-socjeta' fi spejjez inutili minhabba din l-attivita' kriminuza.

Illi in vista ta' dawn il-konsiderazzjonijiet din il-Qorti hi tal-fehma li ghandha timponi piena pekunjarja sabiex isservi bhala deterrent adegwat.

***<u>Decide</u>***

Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi ssib lill-imputat hati skond l-akkuzi u, wara li rat l-artikoli 295, 41(1), 308 u 309 u 110 (2) u 49 u 50 tal-Kap.9 u b' applikazzjoni tal-Artikolu 21 tal-istess Kap. tikkundannah ghal piena ta' ***multa ta' hames mitt lira maltin (LM500)*** pagabbli f' rati mensili ta' mhux anqas

minn LM30 bid-dekadenza mill-beneficju tat-termini fil-kaz li l-imputat jonqos minn pagament wiehed.

Ma ssibux hati tal-kumplament tal-akkuzi u tilliberah minn dawn.

***Dr.Noel Cuschieri***
***Magistrat***

***Vera Kopja***

***Deputat Registratur***